MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 153/1994/1

**Emanuel Ciantar**

**v.**

**David Curmi bhala Managing Director ta' Citadel Insurance Services Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera Assitalia Le Assicurazioni d'Italia Spa**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell jirrigwarda r-rifjut tas-socjeta` assigurattrici konvenuta li tirrizarcixxi lill-attur, li maghha kien assigurat, id-dannu minnu soffert meta l-karozza assigurata tkissret *beyond economical repair*, u dan stante li s-socjeta` assigurattrici kienet qieghda tallega li kien hemm frodi.

**2.** Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma, brevement, is-segwenti:

1. Il-kumpanija konvenuta dahlet f'kuntratt ta' assigurazzjoni ma' l-attur u dan biex tforni kopertura assigurattiva lill-istess kontra r-riskji "full and comprehensive" fuq il-vettura Porsche J0789. Il-vettura giet assigurata ghas-somma ta' erbatax-il elf lira (Lm14,000).

2. Fil-ghodu tal-31 ta' Lulju 1993 l-attur ipparkeggja l-vettura fil-Marsa, go *side street*, vicin il-korsa taz-zwiemel, u mar jaghmel xi qadjiet. Meta rritorna sab li *crane* proprjeta` tar-Roc A Go Ltd. kien baqa' diehel fil-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug.

3. Is-*surveyor* tas-socjeta` konvenuta kif ukoll is-*surveyor* tas-socjeta` assiguratrici ta' Roc A Go Ltd. qablu li l-vettura ta' l-attur kienet inkissret *"beyond economical repair".*

4. Ghall-ewwel is-sewwieq tal-*crane*, Carmelo Debono, qal li kien tilef il-kontroll tal-vettura ghax ma zammewx il-*brakes* tal-*crane*, pero` meta gie interrogat mill-Pulizija, hu qal li kien gie ordnat jibqa' diehel fil-vettura ta' l-attur mill-imghallem tieghu, Victor Micallef. Debono gie pprocessat, instab hati u tqieghed fuq *probation* ghal sentejn .

5. Is-socjeta` konvenuta qieghda tirrifjuta li tirrizarcixxi lill-attur id-danni kagunati, ghaliex qieghda tallega li l-habta ma kienitx accidentali izda li l-attur kien f'kolluzzjoni ma' terzi biex issir il-habta.

**Talbiet u eccezzjonijiet**

**5.** Fic-citazzjoni tieghu, l-attur talab lill-ewwel Qorti

“tikkundanna lill-istess (sic!) ghall-hlas lill-attur tas-somma ta’ erbatax-il elf lira maltin (LM14,000) valur assigurat tal-karozza, liema somma tirrapresenta d-dannu soffert mill-attur meta l-karozza Porsche J0789 tkissret *beyond economic repair* kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assigurat lill-istess attur.”

**6.** Il-konvenut David Curmi nomine eccepixxa:

“illi dan il-kaz qed jigi mistharreg mill-Pulizija fuq suspett ta’ frodi u konsegwentement, minhabba li l-Polza ta’ Assikurazzjoni huwa wiehed (recte: hija wahda) ta’ *uberrima fides* l-eccipjent ma jistax ihallas. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

**Is-sentenza appellata**

**7.** Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-vertenza b’sentenza tat-28 ta’ April 2003, li fiha qatghet u iddecidiet l-kawza billi akkoljiet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u b’hekk cahdet it-talba ta’ l-attur, bl-ispejjez kollha jithallsu minnu. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

“Jinghad mill-bidunett illi dan il-kaz ippreokkupa lill-Qorti mhux ftit ghax fl-ahhar mill-ahhar jirreduci ruhu ghal kwestjoni ta' kredibilita` li fic-cirkostanzi hi pjuttost spinuza. Il-Qorti jehtiegilha tindaga akkuratament il-provi, ezercizzju dan li ma giex wisq approfondit mill-perit relatur, biex tara jekk ghandhiex issostni t-tezi attrici jew dik tas-socjeta` konvenuta li tikkontendi li gie ordit tranell fil-konfront taghha biex tigi mgieghla thallas ir-rizarciment pretiz taht il-polza ta' l-assigurazzjoni. Dan fuq l-assunt ta' nasba frawdolenti minsuga mill-attur bl-ghajnuna ta' terzi;

"Huwa principju guridiku fundamentali li l-kuntratt ta' assigurazzjoni ghandu jkun regolat bil-massima bona fede, u dan mhux biss fil-kors ta' l-esekuzzjoni tieghu, imma wkoll fit-trattativi sakemm jigi konkjuz u l-polza

maghruga" - ("**Adriano Cassar Galea noe -vs- Paul Cuschieri**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996);

“In kwantu bazat fuq in-nozzjoni ta' l-*uberrimae fidei* kuntratt bhal dan ghandu jirrivesti l-bona fede fil-perkors u durata kollu tieghu. Hekk per ezempju jinsab assodat illi "l-*proposal form* hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" ("**Antonio Zammit -vs- Joseph Micallef noe**", Appell Kummercjali, 31 ta' Jannar 1952; "**Joseph Micallef noe -vs- Roman Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' April 1973;"**Joseph Muscat -vs- Joseph Gasan et noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Salvu Briffa -vs- Walter Camilleri noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001);

“Proprju f'din l-ahhar sentenza citata nsibu dan l-estratt:-

"*A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract 'ab initio', and upon avoidance it is deemed never to have existed."* ("**Modern Insurance Law**", John Birds, 1993, 3rd Edition, pagna 90 *et sequitur*);

“Aspett iehor tal-kuntratt ta' assigurazzjoni hu li dan hu kuntratt aleatorju definit skond l-Artikolu 964 tal-Kodici Civili, bhala l-kuntratt li fih il-qligh jew it-telf, ghaz-zewg partijiet jew ghal wahda minnhom, ikun jiddependi minn grajja mhix zgura;

“Din l-alea hi l-oggett ta' l-assikurazzjoni jew il-presuppost baziku tal-kuntratt u tal-validita` tieghu. U ghalhekk jekk ma jkunx hemm l-alea jonqos l-element principali tal-kuntratt;

“L-alea jew ir-riskju jikkonsisti fil-possibilita` ta' event ekonomiku sfavorevoli. Ghalhekk in linea generali meta jissucciedi l-event ekonomikament pregudizzjevoli ghall-persuna assigurata, una volta verifikat u determinat, jinsorgi l-obbligu fl-assiguratur li jirrizarcixxi d-danni u jhallas l-indennizz;

“Din tibqa', *rebus sic stantibus*, ir-regola generali. Jekk, invece, jirrizulta li s-sinistru ma kienx estraneju ghal volonta` ta' l-assigurat u jigi pruvat jew determinat bi prova sostenibbli illi hu jkun immiskja ruhu fl-event dannuz, allura l-assiguratur ikollu dritt jirrezisti t-talba ghal hlas tal-kumpens u ma jibqax marbut bl-obbligu tal-polza;

“Hi proprju din il-materja l-qofol tal-vertenza hawn trattata;

“Tajjeb li qabel xejn jigi puntwalizzat il-principju illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. Fil-kaz *de quo* ifisser illi l-attur htieglu jipprova illi l-vettura assigurata sofriet hsarat f'incident u li t-telf subit jirrientra fit-termini tal-polza li assikurat ir-riskju;

“Dan l-istess principju jghodd ukoll ghas-socjeta` konvenuta assigurata in kwantu din tiddefendi l-posizzjoni taghha bl-allegazzjoni li s-sinistru ma kienx wiehed accidentali izda r-rizultat ta' kuncert frawdolenti u ta' pjan qarrieqi biex tigi defrodata. Prova bhal din tinkombi di rigore fuqha bhala l-parti li qed tavvanza allegazzjoni simili. Dan jipprovdi ghalih espressament l-Artikolu 981(2) tal-Kodici Civili fejn testwalment jghid li "l-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat";

“B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika;

“Naturalment "ir-ricerka jekk l-ghemil doluz huwiex determinanti hi wahda ta' fatt li ghandha tigi meqjusa fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz." (**Vol. XXXII P II p 223**);

“Kwantu ghall-elementi ta' fatt f'din l-istanza, il-provi juru s-segwenti:-

(i) Carmelo Debono (fol. 74, Seduta ta' l-10 ta' Gunju 1994) jikkonfessa li hu kien imgieghel mill-imghallem tieghu Victor Micallef biex jidhol bil-*crane* fuq il-vettura ta' l-attur. Ghal dan l-akkadut huwa nstab kriminalment responsabbli. Din il-konfessjoni kien ghamilha wkoll fil-

kors ta' l-investigazzjoni mill-Pulizija, b'mod li hu irretroceda mill-versjoni originarja tieghu li kienu marrulu l-*brakes*. Ghandu jigi osservat illi ma ngiebet l-ebda prova dwar difett jew *failure* fil-*braking system* tal-krejn;

(ii) Jigi notat ukoll illi Victor Micallef, li ddepona wara Carmelo Debono, fl-ebda mument ma ghamel cahda jew negazzjoni, anke wahda minimali, ghall-akkuza hekk serja lancjata fil-konfront tieghu mill-imsemmi Debono. Huwa illimita ruhu biex jghid li kien gie interrogat darba wahda mill-Pulizija u ma semax aktar minn ghandhom (fol. 76), u li xahar fuq l-incident Carmelo Debono ma baqax jahdem mieghu, anke jekk dan il-fatt ma kellux x'jaqsam ma' l-incident;

(iii) L-attur jinnega li hu qatt ghamel negozju ma' l-imsemmi Victor Micallef (fol. 96). Dan ta' l-ahhar pero` jizmentixxi dan. Ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 77);

(iv) L-attur (fol. 93) jghid li dakinhar ta' l-incident ipparkja l-karozza tieghu go *side street* hdejn il-korsa taz-zwiemel, rikeb ma' wiehed li kien iltaqa' mieghu fit-triq u li ma kienx jaf x'jismu, biex jiccekkja xi xoghol u jmur il-bank. L-isem ta' din il-persuna injota ma giex divulgat u lanqas prodott bhala xhud. Kif lanqas ma gew prodotti biex isostnu din il-versjoni tal-fatti mill-attur il-persuna li hu jghid li zar biex jiehu l-kejl tax-xoghol jew xi impjegat tal-Bank dwar l-inkass tal-flus biex ihallas il-pagi tal-haddiema. Kwantu ghal post fejn jinghad minnu li mar jiehu l-kejl lanqas dan ma ftakar fejn kien; anzi jghid "ma nafx izda x'imkien fil-vicinanzi";

(v) Raymond Abela, l-pustier, li fil-mument tas-sinistru nzerta fl-inhawi jghid li ra krejn gej b'velocita` u hu zgicca biex jevitah. Jghid ukoll li osserva lis-sewwieq tieghu "mifxul". Fl-isfond tal-fatti din l-osservazzjoni jista' jkollha zewg spjegazzjonijiet possibbli; jew li verament marrulu l-*brakes* kif allegat, jew minhabba li kien imgieghel iwettaq att li kien jaf li kien illecitu. Irid jigi aggunt illi dan ix-xhud stqarr ukoll li hu kien ilu jaf lill-attur minn meta kien ghadu guvni (fol. 77);

(vi) L-istess bhal dan l-ahhar imsemmi xhud, PS John Lentini (fol. 75) jghid li *a tempo debito*, Carmelo Debono kien qallu li tilef il-kontroll ghax ma zammewx il-*brakes* tal-krejn. Mix-xhieda ta' dan is-surgent jirrizulta li l-ewwel telefonata li rceva kienet ikkonfermatlu li kienet sehhet habta hdejn il-"Wands Factory". Dan jikkombacja ma' dak mistqarr minn Carmelo Debono li l-imghallem baghtu hdejn il-fabbrika tal-Pepsi Cola biex jidhol fil-vettura ta' l-attur. Is-sinistru pero` sehh band' ohra. Is-surgent ma jghidx min kien ghamillu din it-telefonata;

“Meta din il-Qorti tivvaluta dawn il-provi u dawk l-ohrajn attendibbli, certament il-kwadru li jemergi hu alkwantu differenti minn dak li leggerment apprezza l-perit relatur, anke jekk hu ma naqasx milli jikkummenta li "hemm hafna affarijiet mhux tas-soltu fl-incident li fih giet distrutta l-vettura"
(fol. 67);

“Huwa desumibbli minn dawn il-bosta "affarijiet mhux tas-soltu" illi meta dawn jigu konkretament valutati jhallu sapur indizzjarju qawwi u daqstant iehor konvincenti li kapaci jwasslu ghal dik ic-certezza morali illi non si trattava ta' semplici incident sfortunat u li l-attur ma kienx ghal kollox estraneju ghall-event li sehh tad-distruzzjoni tal-vettura;

“Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*;

“Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament

akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (**Vol. XXXVI P I p 319**);

"Din il-Qorti ftit li xejn tara verosimili, sinciera u genwina l-verzjoni ta' l-attur dwar l-agir tieghu antecedenti u prossimu ghall-akkadut. Il-fatt ta' kif u ghalfejn ipparkja l-vettura tieghu, rikeb ma' persuna li ma kienx jafha, ghamel il-qadjiet tieghu u rritorna fuq il-post ta' l-incident ihallu zgur toghma ta' suspett, li allura tirrendi l-versjoni tieghu mhix kredibbli. Kombacjat ma' dan hemm ic-cirkostanzi l-ohra, uhud minnhom fuq ri-epilogati, li jkomplu jassistu, isawwru u jsostnu dan is-suspett tar-rapprezentazzjoni falza u ngannevoli tas-sinistru. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` konvenuta fuq il-bazi ta' l-indizji u tal-presunzjonijiet waslet ghal prova li kien jinhtiegilha taghmel;

"Gjaladarba din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ma jinhassx necessarju li tinoltra ruhha fuq aspetti ohra tal-materja, ghalkemm ma tistax ma tirrimarkax ghal darba ohra illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni ossija l-element centrali tieghu tal-massima buona fede mhux qieghed hemm biex jigi aggirat b'artifizji li jiddanneggjaw parti ohra fil-kontrattazzjoni. Tabilhaqq, ghal darba ohra ma jonqosx li jigi ripetut illi "*la frode non merita mai la protezione della legga*" (**Vol. XXVII P I p 725**)."

**<u>L-appell</u>**

**8.** Minn din is-sentenza appella l-attur. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi ghalkemm l-ewwel Qorti affermat il-principju illi l-piz tal-prova f'dan il-kaz kien jispetta lis-socjeta` konvenuta appellata, hija cahdet it-talbiet attrici u dana fuq il-bazi li l-attur ma irnexxielux jipprova illi huwa kien estranju ghall-allegazzjonijiet maghmula mill-istess socjeta` konvenuta;

2. illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi;

3. illi ghalkemm fil-kamp civili l-grad tal-prova rikjest huwa inqas minn dak fil-kamp kriminali, izda f'kaz fejn hemm allegazzjoni ta' frodi, min jallega l-frodi ghandu jgib prova skjaccanti u mhux ibbazata fuq prezunzjonijiet.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**9.** Il-Qorti hi tal-fehma li ghandu l-ewwel jigi kkunsidrat it-tielet aggravju ta' l-appellant li jittratta dwar il-grad ta' prova f'kawzi civili fejn ikun hemm allegazzjoni ta' frodi. B'dan it-tielet aggravju, l-appellant jissottometti bazikament illi l-grad ta' prova meta jkun hemm allegazzjoni ta' frodi ghandu jkun ghola minn dak rikjest f'kawza civili normali, ghax ghandha tingieb "prova skjaccanti".

**10.** Hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li f'materja civili, a differenza minn materja kriminali, il-Qorti tiddeciedi fuq il-"balance of probabilities". Fis-sentenza **Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino noe**, deciza fil-25 ta' Frar 1952[1], il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Kummerc li kienet irriteniet illi:

*"(H)u elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell "On Evidence" p. 487 – "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and 'probably' arise from them ... ... There is a difference in the degree of proof required in civil and criminal cases;*

[1] Vol. XXXIVC-I-319

*for civil cases may be decided on a preponderance of "probability", but in criminal cases the guilt of the prisoner must be established beyond reasonable doubt."*

**11.** L-Artikolu 981(2) tal-Kodici Civili jipprovdi illi: *"L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."* Il-ligi imkien ma tispecifika li l-grad ta' prova ta' eghmil doluz ghandu jkun ghola minn dak rikjest f'kawzi ta' materja civili. Kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza fil-31 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet **Adrian sive Aad De Haan v. George Whelpdale et** [2]:

*"In civilibus il-falz mhux mehtieg li jirrizulta ictu oculi mid-dokument innifsu, kif lanqas hi necssarjament mehtiega il-prova posittiva ta' l-att li wassal ghalih. Li hu invece mehtieg hu li l-gudikant jasal ghall-konvinciment morali mill-kumpless tal-provi u mic-cirkostanzi tal-kaz illi d-dokument impunjat ma kienx wiehed genwin li jirraprezenta l-volonta` ta' min jidher li jkun iffirmah imma li jkun vizzjat b'dolo jew qerq. Lanqas ma hu mehtieg li l-Qorti tidentifika min kien li effettivament ikkommetta l-qerq."*

**12.** Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti kienet moralment konvinta mill-provi prodotti illi mill-preponderanza tal-provi kien jirrizulta illi l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta li kien hemm frodi kienet fondata. Fil-fatt, l-ewwel Qorti osservat hekk:[3]

*"Huwa desumibbli minn dawn il-bosta "affarijiet mhux tas-soltu" illi meta dawn jigu konkretament valutati jhallu sapur indizzjarju qawwi u daqstant iehor konvincenti li kapaci jwasslu ghal dik ic-certezza morali illi non si trattava ta' semplici incident sfortunat u li l-attur ma kienx ghal kollox estraneju ghall-event li sehh tad-distruzzjoni tal-vettura."*

Dan l-aggravju, ghalhekk, ma jistax jigi milqugh.

[2] Vol. LXXX-II-893
[3] Pagna 9 para 4 tas-sentenza a fol. 192 tal-process.

**13.** Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jilmenta illi ghalkemm l-ewwel Qorti affermat il-principju illi l-piz tal-prova tal-frodi f'dan il-kaz kien jispetta lis-socjeta` konvenuta appellata, hija cahdet it-talbiet attrici u dana fuq il-bazi li l-attur ma irnexxielux jipprova illi huwa kien estranju ghall-allegazzjonijiet maghmula mill-istess socjeta` konvenuta.

**14.** Issa, minn qari anki superficjali tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici, ghaliex kienet moralment konvinta li l-verzjoni tal-fatti li ta' l-attur ma kienitx wahda kredibbli, u dan, fl-isfond tal-provi l-ohra prodotti, ikkonvincewha fuq bazi ta' probabbilita` illi l-socjeta` konvenuta fuq il-bazi ta' l-indizji u tal-presunzjonijiet waslet ghall-prova li kien jinhtiegilha taghmel. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jargumenta li s-socjeta` konvenuta resqet biss xhud wiehed u cioe` ir-rapprezentant taghha, waqt li kien hu li ressaq lix-xhieda l-ohra ghax *"ma kellux ghalfejn jibza' jew jissuspetta illi dawn in-nies kienu ser jixhdu kontrieh."* [4] Din il-Qorti tibda biex tosserva illi s-sewwieq tal-*crane* Carmelo Debono, prodott mill-appellant stess, xehed car u tond li hu kien imgieghel jidhol fil-vettura ta' l-appellant mill-imghallem tieghu, u ghalhekk certament ma xehedx favur it-tezi ta' l-appellant. Fit-tieni lok, il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza, mill-attur appellant fil-kaz odjern, certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu "favur" l-appellant. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed "favur" parti jew "kontra" ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha.

**15.** Ghalhekk jista' jaghti l-kaz li t-testimonjanza ta xhieda prodotti minn xi parti f'kawza tghin iktar it-tezi tal-parti avversarja, u ma tghinx it-tezi tal-parti li pproduciethom bhala xhieda. Din hija haga li tirrikorri kostantement, kemm fi proceduri civili kif ukoll f'dawk penali. Hekk jidher li gara fil-kaz odjern, fejn mhux talli l-ewwel Qorti sabet li l-verzjoni ta' l-appellant ma kienitx kredibbli, izda sabet

[4] Rikors ta' l-appell a fol. 198 para 1.

ukoll illi x-xhieda minnu prodotti ghenu, ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata, biex iwasslu lil dik il-Qorti ghac-certezza morali li t-tezi tas-socjeta` konvenuta kienet giet pruvata. Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid aktar dwar dana l-aggravju.

**16.** Permezz tat-tieni aggravju – li huwa l-pern ta’ l-appell – l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ilmenti ta’ l-appellant f’dan ir-rigward *seriatim*.

**17.** Dwar <u>ix-xiehda ta’ Carmelo Debono,</u> l-appellant jallega illi billi dan, wara l-incident, tkecca mix-xoghol, kien irrabjat ghall-imghallem tieghu u ghalhekk kellu kull interess illi igibu fl-inkwiet mal-Pulizija. Jigi rilevat, pero`, illi mill-provi ma jirrizultax li Victor Micallef kecca lil Carmelo Debono mix-xoghol. Fix-xhieda tieghu Victor Micallef jghid biss illi: *“Ghandi nghid li Carmelo Debono ma baqax jahdem mieghi u dana madwar xahar wara l-incident. Il-fatt li Carmelo Debono ma baqax jahdem mieghi m’ghandux x’jaqsam mal-kwestjoni ta’ l-incident awtomobilistiku.”* Li kieku Victor Micallef kecca lil Debono dan kien jghidu espressament (wiehed ma jistax jimmagina raguni plawsibbli ghala dana l-fatt, din ir-rabta, kellu jahbiha), u ghalhekk huwa aktar probabbli li Debono irrizenja mix-xoghol tieghu ma’ Roc A Go Ltd. Konsegwentement, l-allegazzjoni ta’ l-appellant li Debono seta’ kellu xi motiv ta’ vendikazzjoni li jghid li kien l-imghallem tieghu li gieghlu jidhol bil-*crane* fil-vettura ta’ l-appellant hija inverosimili. Aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li tali allegazzjoni ma kienitx ser iggib biss lil Victor Micallef fl-inkwiet mal-Pulizija, izda kienet ser iggib lil Debono nnifsu wkoll fl-inkwiet, <u>kif fil-fatt gara</u>. Mill-provi ma tirrizulta l-ebda spjegazzjoni jew raguni logika ghaliex Carmelo Debono kellu xi interess li jixhed kontra l-interessi personali tieghu, ben konsapevoli li kien ser jesponi lilu nnifsu ghal proceduri penali.

**18.** L-appellant jghid ukoll illi l-unika prova li huwa seta’ jressaq dwar id-difett fil-*braking system* tal-crane kien lil Victor Micallef, l-imghallem ta’ Debono u sid il-crane, kif fil-fatt ghamel. Ghalkemm huwa veru li l-appellant ressaq

bhala xhud lil Victor Micallef, ma jirrizultax li lil Micallef sarulu xi mistoqsijiet dwar dan l-allegat difett fil-*braking system tal-crane*. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, Micallef ma jghid xejn fuq il-kundizzjoni tal-brakes tal-crane[5], u lanqas ma ngabet xi forma ta' prova ohra fir-rigward.

**19.** Rigward <u>ix-xiehda ta' Victor Micallef</u>**,** l-appellant jikkritika lill-ewwel Qorti li ratha stramba kif dan ix-xhud ma ressaqx xi akkuza fil-konfront ta' Debono rigward ix-xhieda tieghu. Ir-raguni ghal dan li jaghti l-appellant hija li peress li Micallef, galadarba kien xhud, ma setghax ikun prezenti waqt ix-xhieda ta' Debono, *"u peress li xehed immedjatament warajh"* allura – dejjem skond l-appellant – Micallef ma setghax ikun jaf x'xehed Debono, izda seta' jissopponi biss. Din ir-raguni moghtija hija ridikola. Meta Carmelo Debono xehed fl-10 ta' Gunju 1994[6] huwa qal li kien diga tressaq il-Qorti mill-Pulizija u gie ikkundannat sentejn *probation*. Victor Micallef xehed warajh fis-seduta tas-17 ta' Gunju 1994[7]. Ghalhekk, fl-ewwel lok m'huwiex fattwalment korrett li jinghad li Micallef xehed "immedjatament" wara Debono. Fit-tieni lok, m'huwiex verosimili li Micallef ma kienx jaf bl-akkuzi li Debono kien ghamel fil-konfront tieghu, u li sahansitra kien instab hati minn qorti ta' gudikatara kriminali konsegwenza ta' dawn l-akkuzi. Dan nonostante, fid-deposizzjoni tieghu Micallef ma jaghmel l-ebda tentattiv sabiex jinnega dak li Debono kien qieghed jallega fuqu, hlief li jghid b'mod l-aktar skjett: *"…il-Pulizija arrestawni in konnessjoni ma' l-incident u interrogawni. Jien ghidtilhom il-verita` dwar il-fatti u cioe` l-istess affarijiet li qieghed nghid illum."* Fi kwalunkwe kaz, ma hemmx dubbju li l-appellant kien konsapevoli ta' dak li xehed Debono u minkejja dan naqas li jikkonfronta lil Micallef bl-allegazzjoni li Debono kien ghamel kontrih jew li jipprova jispjega ghala Debono kien qed jghid hekk fuqu. L-impressjoni li wiehed neccessarjament jiehu mid-deposizzjoni ta' Micallef hi li "the less said about it, the better." Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, issibha difficli biex tifhem ghaliex Victor Micallef deherlu li ma kellux ghalfejn

5 Seduta 2 a fol. 76 u 77 tal-process.
6 Seduta 1 a fol. 74 tal-process
7 Seduta 2 a fol 76 u 77 tal-process

jinnega jew jipprova jispjega l-akkuza li Debono kien ghamel kontra tieghu.

**20.** Rigward il-kunflitt bejn ix-xhieda ta' Victor Micallef u ta' l-attur appellant in konnnessjoni mal-fatt dwar jekk it-tnejn kienux jafu lil xulxin qabel l-incident, fir-rikors ta' l-appell l-appellant jghid illi huwa qatt ma cahad li kien jaf lil Victor Micallef u jghid li Micallef qatt ma ghamel negozju mieghu, izda ma huh, u li fix-xiehda tieghu Victor Micallef ikkonferma dan il-fatt. Fix-xiehda tieghu (in kontro-ezami) Victor Micallef qal testwalment hekk[8]: *"Jiena ili naf lill-attur ghal aktar minn ghaxar u cirka hmistax-il sena. Jiena sirt naf lill-attur permezz ta' huh li mieghu kont naghmel xi negozju. Jiena kont dort "crane" ghand l-attur, u xtrajt xi "kabina" minghand "Tal-Qasab" u cjoe tal-"Bedford" u dan baghtni nhallas ghand l-attur peress li dan "Tal-Qasab", certu Spiteri, qalli li l-"kabina" kienet tinsab ghandu biex ibieghha, pero` kienet proprjeta ta' l-attur."*

Min-naha l-ohra l-appellant xehed hekk[9]:

*"Domanda: Lil Victor Micallef tar-Roc-a-Go tafu?*
*"Risposta: Min ma jafux f'Malta. Nafu b'ismu pero qatt ma ghamilt negozju mieghu.*
*"Domanda: Gieli kellimtu qabel l-incident?*
*"Risposta: Qabel l-incident qatt ma kellimtu.*
*"Domanda: Jekk nghidlek li Victor Micallef qal li jafek ghal dan l-ahhar ghaxar snin u dan skond ix-xhieda li ta' fis-17 ta' Gunju 1994, xi tghid?*
*"Risposta: Jiena xorta nghid li ma nafux cioe` qatt ma kellimtu."*

Minn dawn iz-zewg siltiet tax-xhieda jidher car li hemm konflitt bejn ix-xiehda ta' l-appellant u dik ta' Victor Micallef. Din il-Qorti tosserva wkoll li kien biss fir-rikors ta' l-appell tieghu[10] li l-appellant ikkonceda li Victor Micallef kien ghamel xi negozju ma huh (cioe` hu l-appellant), ghaliex fix-xiehda li ta *viva voce* huwa qatt ma semma' dan il-fatt.

---

[8] Fol. 77 tal-process.
[9] Fol 96 tal-process.
[10] Fol. 200 tal-process para. 1.

**21.** Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jghid ukoll illi anki jekk wiehed jara konflitt bejn ix-xhieda ta' dawn it-tnejn min-nies, is-socjeta` konvenuta appellata qatt ma irnexxielha taghmel prova wahda li tista' tindika l-interess li seta' kellu Victor Micallef f'din l-istorja. Pero` kif tosserva s-socjeta` konvenuta fin-nota ta' kritika taghha ghar-rapport peritali,[11] logikament jekk hu veru li Carmelo Debono gie mibghut minn Victor Micallef (haga li zgur li Debono ma kellu l-ebda interess li jivvinta), l-alternattivi huma tnejn: jew li Victor Micallef kien miftiehem ma' l-appellant, jew inkella li ma kienx miftiehem, u f'dak il-kaz ikkrea l-incident biex jaghmel azzjoni hazina lill-appellant. Pero` din l-ahhar verzjoni ma hix kompatibbli max-xhieda li taw l-appellant u Victor Micallef: f'tali ipotesi wiehed kien jistenna li l-appellant jimputa lil Victor Micallef xi raguni ghalfejn ried jaghmillu azzjoni hazina, u li Victor Micallef jixhed li hu qatt ma kellem jew kellu negozju ma' l-appellant, u zgur mhux bil-kontra. Ghalhekk fic-cirkustanzi dan, jkompli jsahhah it-tezi tas-socjeta` konvenuta li l-incident kien gie orkestrat.

**22.** L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti rriteniet li <u>l-verzjoni tieghu tal-fatti ma kienitx wahda kredibbli</u>. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, huwa jghid li peress li hu jmur ghand hafna nies in konnessjoni max-xoghol tieghu, ma jistax jiftakar kull post fejn ikun mar jiehu l-kejl specjalment wara li jghaddi certu zmien. F'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva li dak in-nhar ta' l-incident kienet gurnata partikolari fejn giet distrutta vettura li *ex admissis* kienet swiet lill-appellant sbatax-il elf lira (LM17,000)[12] biex xtraha sena u nofs qabel il-habta. Anki li kieku l-appellant kellu jiehu l-ammont shih li ghalih il-vettura kienet inxurjata, cioe` LM14,000, xorta kien se jmur LM3,000 minn taht. F'tali cirkostanzi, wiehed jippretendi li l-appellant kellu jibqa' jiftakar perfettament il-movimenti u l-azzjonijiet tieghu f'dik il-ghodwa, u mhux jikkunsidra dik il-gurnata bhala gurnata kwalsiasi. L-appellant lanqas jaghti spjegazzjoni ghalfejn iddecieda li jipparkeggja fil-post fejn

[11] Fol. 143 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' l-appellant a fol. 73 tal-process.

effettivament halla l-karozza, jew ghalfejn ftiehem mal-persuna li iltaqa' maghha li jiltaqghu f'dawk l-inhawi, u mhux per ezempju fil-post tax-xoghol tieghu, f'Valletta Road, il-Marsa[13], la darba xorta wahda riedu jmorru bil-karozza ta' din il-persuna injota fil-post fejn l-appellant kellu jmur jiehu il-qisien. L-appellant lanqas jaghti spjegazzjoni logika ghalfejn mar il-bank jigbed il-flus ghall-pagi ta' l-impjegati[14] (wiehed jassumi somma konsiderevoli) ma' persuna li ma kienx jafha.

**23.** Huwa veru li f'dan il-kaz l-oneru tal-prova tal-frodi kien jinkombi lis-socjeta` konvenuta, illum appellata; izda, kif korrettement osservat l-ewwel Qorti l-attur appellant kien jehtieglu jipprova illi l-vettura assigurata sofriet hsarat f'incident u li t-telf subit kien jirrientra fit-termini tal-polza li assikurat ir-riskju. L-element centrali tal-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa l-massima buona fede, u ghalhekk l-appellant kellu l-obbligu li jipprova l-*uberrima fides* tieghu fil-kondotta tieghu qabel sehh l-incident. Ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti illi tikkritika lill-appellant talli ma' pproduciex, bhala xhud tieghu, lill-persuna li hu jghid li rikeb maghha biex jiehu l-kejl tax-xoghol, u lil xi impjegat tal-bank dwar it-transazzjoni ta' flus li hu jghid li ghamel, u dan biex dawn ix-xhieda ikunu jistghu jikkorroboraw, imqar tangenzjalment, il-verzjoni tieghu tal-fatti.

**24.** Rigward <u>ix-xhieda tal-pustier Raymond Abela</u> li xehed li ra lil Carmelo Debono, is-sewwieq tal-*crane* mifxul immedjatament qabel baqa' diehel fil-vettura ta' l-appellant, l-appellant jikkritika lill-ewwel Qorti li osservat li s-sewwieq setgha kien mifxul ghax kien jaf li se jikkommetti att illecitu, ghax jghid li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova li setghet tallaccja ma' din it-tezi, hlief il-fatt li l-pustier stqarr li kien jaf lill-appellant. Fil-kuntest tal-kwadru kollu tal-fatti – inkluz specjalment ix-xiehda tax-xufier Carmelo Debono innifsu – din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'din l-ipotezi prospettata mill-ewwel Qorti.

[13] Ara xhieda ta' l-appellant a fol. 93 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' l-appellant a fol. 93 tal-process.

**25.** Finalment, rigward ix-xhieda tal-Pulizija P.S.509 John Lentini, ghalkemm, kif jghid l-appellant, ma hemm xejn “sinistru” fix-xiehda tieghu, mid-deposizzjoni tieghu jirrizulta li l-ewwel telefonata li rcieva kienet ikkonfermatlu li kienet sehhet habta hdejn il-“Wands Factory”. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti dan jikkombacja ma’ dak li xehed Carmelo Debono li l-imghallem tieghu kien baghtu hdejn il-fabbrika tal-Pepsi Cola biex jidhol fil-vettura ta’ l-attur. Il-habta pero` sehhet band’ohra.

**Decide**

**26.** Ghal dawn il-motivi kollha, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, konkluzjoni li, kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq bazi legali, din il-Qorti tikkonsidra ineccepibbli. Konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------